# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2024**

**Numru 1**

**Rikors numru 13/2022/1 ISB**

**Marco Aquilina**
**u**
**Euro Concrete Blocks Limited (C-16202)**

**v.**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mir-Reġistratur tal-Kumpaniji minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) li permezz tagħha laqħet l-oġġezzjonijiet tal-atturi għat-talba tar-Reġistratur għall-ħlas ta' penali imposti minħabba diversi nuqqasijiet allegatament

kommessi mill-atturi fuq medda ta' snin bi ksur tal-provvedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Preliminari.**

2. L-attur **Marco Aquilina (l-Attur)** inħatar direttur tas-soċjetà attriċi **Euro Concrete Blocks Limited[1] (is-Soċjetà Attriċi)** fil-11 ta' Mejju, 2011, (flimkien l-Atturi).

3. Fil-5 ta' Novembru, 2021 ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji (ir-Reġistratur jew ir-Reġistratur Konvenut)** bagħat ittra lill-attur Marco Aquilina[2] intitolata "Final Warning" u bis-suġġett indikat bħala "Re. Euro Concrete Blocks Limited - penalties due under the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta". L-ittra taqra kif isegwi:

> "Reference is made to previous notices sent by the Registrar of Companies indicating the penalties incurred by you for failure to comply with the provisions of the Companies Act.
> You are hereby being called upon to settle the sum of €16,553.75 representing penalties incurred as indicated in the attached infringement notice.
>
> We regret to inform you that unless this amount is settled within seven (7) days from the date of this letter, the Registrar of Companies shall institute judicial proceedings against you, including the filing of warrants for the recovery of such penalty/ies, and this without any further notice.
> Please be guided accordingly in order to avoid unneccessary expenses including those related to judicial proceedings."

[1] Soċjetà reġistrata fit-28 ta' April, 1994 (Dok E. fol. 44);
[2] U mhux ukoll lis-soċjetà attriċi;

4. Anness ma' dik l-ittra hemm prospett dwar l-ammonti reklamati li flimkien jammontaw għas-somma msemmija ta' €16,553.75:

*(i)* *€186.25 - Late Filing of From T's - (CA-Sect.120 (4) – Failure of officers of company to comply with provisions as to issue of share certificates).*

*(ii)* *€400.00 – Annual Return 2010 Not Yet Filed as at 18.06.2020 – (CA-Sect.184(3) – Officers of company failing to file annual return).*

*(iii)* *€11,726.00 - Accounts 2004-2018 Not Yet Filed till 06.04.2020 – (CA-Sect.183 (10) – Directors failing to deliver or delivering defective annual accounts etc. To Registrar).*

*(iv)* *€4,241.50 – Annual Return 2010-2018 Not Yet Filed as at 03.04.2020).*

5. Fl-20 ta' Jannar, 2022 ir-Reġistratur ippreżentat ittra uffiċjali kontra l-attur u kontra s-soċjetà attriċi u annettiet magħha l-avviz għall-ħlas. Permezz ta' dik l-ittra uffiċjali r-Reġistratur interpellathom sabiex fi żmien sebat ijiem iħallsu s-somma ta' €16,53.75 "dovuti bħala penali nkorsi mill-intimat MARCO AQUILINA fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà kummerċjali EURO CONCRETE BLOCKS LIMITED bin-numru tar-reġistrazzjoni C 16202 u mill-istess soċjetà illi skont l-artikolu 472(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji hija responsabbli *in solidum* flimkien mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva mposta taħt l-imsemmi

Att. Bħala direttur inti nqast milli tosserva l-provvedimenti tal-istess Att skont l-avviż ta' penali li kopja tagħha hawn annessa ... qiegħda tiġi notifikata lilkom permezz ta' din l-ittra uffċjali sabiex tali avviż jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont l-artikolu 401(4) tal-imsemmi Att dwar il-Kumpaniji". Intimathom ukoll illi fin-nuqqas ta' ħlas ser tmexxi għal proċeduri eżekuttivi mingħajr avviż ieħor.

6. Fit-<u>8 ta' Frar, 2022</u> l-atturi intavolaw rikors quddiem il-**Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) (l-Ewwel Qorti)** *ai termini* tal-**Artikolu 401 (5) tal-Kap. 386** li ta bidu għal din il-kawża li permezz tagħha resqu l-oġġezzjonijiet segwenti kontra t-talba tar-Reġistratur:

(i) L-azzjoni tar-Reġistratur għall-ġbir ta' allegati penali hija preskritta bid-dekors ta' ħames (5) snin *ai termini* tal-Artikolu 427 (3) tal-Kap. 386;

(ii) L-attur Marco Aquilina ma hux il-leġittimu kuntradittur safejn it-talba tar-Reġistratur tirreferi għall-perjodu anteċedenti l-11 ta' Mejju, 2011 peress li kien biss f'dik id-data li nħatar direttur;

(iii) L-avviż anness mal-ittra uffiċjali tar-Reġistratur inħareġ biss kontra l-attur u mhux ukoll kontra s-soċjetà attriċi u għalhekk *ai termini* tal-Art. 401 (4) tal-Kap. 385 l-ittra uffiċjali ma tistax tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra s-soċjetà attriċi;

(iv) Illi l-oneru tal-prova dwar in-nuqqasijiet tal-atturi jinsab fuq ir-Reġistratur;

(v) Illi huwa l-oneru fuq ir-Reġistratur li jressaq il-prova ta' kif ġie kalkolat il-penali reklamat in konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386;

(vi) Illi t-talba tar-Reġistratur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

7. B'digriet tal-4 ta' Marzu, 2022 l-Ewwel Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-9 ta' Marzu 2022 u ordnat in-notifika tad-digriet u l-avviż tas-smigħ lir-Reġistratur.

8. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2022 dehret biss l-avukat tal-atturi. Il-Qorti ġiet informata li l-avukat tal-konvenut ma setgħetx tattendi peress li kienet tinsab impenjata fil-Qorti ta' Għawdex u li ma kellha l-ebda objezzjoni li bi qbil mal-parti l-oħra l-Qorti ma tkunx marbuta bit-termini stipulati fl-Artikolu 401 (13) tal-Kap. 386. L-avukat tal-atturi iddikjarat li ma kellha l-ebda objezzjoni għal dak verbalizzat. L-Ewwel Qorti vverbaliżżat: "Peress li għadu għaddej it-terminu għall-preżentata tar-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji li ġiet notifikata bl-atti fis-7 ta' Marzu, 2022, il-Qorti qiegħda tħalli l-kawża għall-eżami tal-istess risposta għat-23 ta' Marzu, 2022 f'nofsinhar."

9. Fit-23 ta' Marzu, 2022, f'xi ħin qabel issejħet il-kawża, ir-Reġistratur ippreżentat fir-reġistru r-risposta tagħha.

10. Meta fl-istess jum issejħet il-kawża fil-ħin tagħha deher l-avukat tal-atturi, irrefera għar-riferta tan-notifika lill-konvenut u ddikjara illi *ai termini* tal-Artikolu 401 (10) tal-Kap. 386 ir-risposta kellha tiġi ppreżentata sat-22 ta' Marzu, 2022 u għalhekk talab l-isfilz tagħha.

11. Wara li l-avukat tal-konvenuta irrimettiet ruħha, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba għall-isfilz u ħalliet il-kawża għat-3 ta' Ġunju, 2022 għall-provi tal-atturi.

12. Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2022 l-avukat tal-atturi informa lill-Qorti illi l-unika prova li l-atturi kellhom kien l-affidavit tal-attur li kien għadu qed jiġi abbozzat. L-atturi ma resqu l-ebda provi dakinhar u l-Ewwel Qorti akkordat terminu ta' xahrejn lill-atturi sabiex jippreżentaw l-imsemmi affidavit u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni finali għall-14 ta' Ottubru, 2022. L-affidavit ġiet ppreżentat fil-mori tad-differiment.

13. Fl-14 ta' Ottubru, 2022 l-avukat tal-atturi ddikjara li ma għandux aktar provi u l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali għas-16 ta' Diċembru, 2022. Sussegwentement il-kawża ġiet differita għall-istess skop għall-10 ta' Marzu, 2023 meta saret it-trattazzjoni finali li ġiet traskritta u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-14 ta' Ġunju, 2023.

14. Fl-14 ta' Ġunju, 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> "GĦALDAQSTANT, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qed tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u l-oggezzjoni minnhom mressqa u tiddikjara illi l-penali pretiżi mir-Reġistratur intimat bl-ittra ufficjali 268/2022 tal-20 ta' Jannar 2022 mhix dovuta skont il-liġi.
>
> L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tar-Reġistratur tal-Kumpaniji."

15. Il-konvenuta Reġistratur tal-Kumpaniji ħassitha aggravata bis-sentenza u b'rikors tat-22 ta' Ġunju, 2023, għar-raġunijiet hemm mogħtija, interponiet appell.

16. B'risposta tal-5 ta' Frar, 2024 l-atturi appellati, għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponu għal dan l-appell.

17. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

18. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji tgħid illi għandha aggravju wieħed li hija intestatu bħala "Applikazzjoni skorretta tal-liġi". Tgħid illi s-subartikolu 3 tal-Artikolu 184 tal-Kap. 386 jagħmilha ċara li kull uffiċjal ta' kumpanija li jonqos milli jibgħat id-dokumenti meħtieġa għar-

reġistrazzjoni jkun soġġett għall-penali addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.  Tgħid li bil-fatt li bejn id-29 ta' Diċembru, 2002 u l-11 ta' Marzu, 2011 l-attur ma kienx direttur tas-soċjetà attriċi "dan assolutament ma jeżonerahx mir-responsabbiltajiet marbutin ma' dak iż-żmien li fih kien jokkupa l-kariga ta' direttur.  Tgħid illi fiż-żmien in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpanija u li għalhekk "kien ben konxju ta' x'kienu l-obbligi tal-kumpanija" u għalhekk kien responsabbli anke għal dak il-perjodu.  Tgħid illi l-kumpanija attriċi flimkien mal-attur u l-uffċjali l-oħra tal-kumpanija "ilhom inadempjenti għal disgħa u għoxrin sena sħaħ u għalhekk il-penali amministrativi imposti mir-Reġistratur huma tassew ġustifikati."  Tgħid illi l-penali imposti ma kinux aktar mill-massmu permess mil-liġi.

19.  Tgħaddi mbagħad sabiex tagħmel referenza għall-korrispondenza li r-Reġistratur bagħtet li ma hix in atti.  Tirreferi għall-avviżi li allegatament bagħtet u li jidher li kopja tagħhom kienet ġiet annessa mar-risposta tagħha quddiem l-Ewwel Qorti u li ġiet sfilzata bid-dokumenti b'kollox.  Tgħid illi jekk din il-Qorti "tawtorizża illi dawn jiġu prodotti quddiemha" ser juru d-dettalji tal-penali reklamata mir-Reġistratur.  Tgħid illi l-Ħdax-il Skeda tal-Kap. 386 tispeċifika l-ammont massimu li jista' jiġi mpost hekk kif tiskatta l-inadempjenza kif ukoll l-ammont massimu illi jista' jiġi mpost għal kull ġurnata illi fiha tkompli l-inadempjenza.  Tgħid illi billi fl-avviż mibgħut lill-appellant ir-Reġistratur ma qalx jekk l-ammont reklamat kienx

il-massimu jew le ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti tiddikjara li l-penali ma hix dovuta. Tgħid illi jekk l-ammont reklamat kienx il-massimu jew le joħroġ mil-liġi u għalhekk in-nuqqas ta' indikazzjoni mir-Reġistratur jekk l-ammonti minnu mitluba humiex il-massimu jew le ma kellux iwassal għat-tħassir tal-penali. Tgħid illi jirriżulta li l-ammonti li talab ir-Reġistratur bħala multi "huma percentaġġ zgħir biss mill-massimu tal-liġi u liema percentaġġ huwa applikabbli għal kumpaniji kollha".

20. Tgħaddi mbagħad ir-Reġistratur sabiex tagħmel sottomissjonijiet rispettivament dwar kull ammont reklamat fl-avviż anness mal-ittra uffiċjali u tirreferi għall-dokumenti li ma jinstabux in atti jew għaliex ma ġewx eżebiti jew inkella għaliex ġew sfilzati kif ingħad aktar qabel.

21. Ir-Reġistratur tgħid illi r-responsabilità ta' kumpanija hija marbuta ma' kull uffiċjali tagħha *in solidum ai termini* tal-Artikolu 427 (4) tal-Kap. 386 filwaqt li Artikolu 150 "jagħti l-preżunzjoni li kull ħaġa li jkollha ssir minn kumpanija, għandha tkun meqjusa li għandha tant issir minn kull uffiċjal tagħha."

**Ikkunsidrat;**

22. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi għalkemm l-appellanti Reġistratur tal-Kumpaniji tagħti x'tifhem fir-rikors tal-appell tagħha li ser tagħmel talba sabiex din il-Qorti tikkonsidra li tippermettilha tippreżenta

provi dokumentarji li ġew sfilzati b'ordni tal-Ewwel Qorti flimkien mar-risposta; l-ebda rikors f'dan ir-rigward ma akkumpanja r-rikors tal-appell. Mhux biss, talli kif rajna, ma sar l-ebda appell mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Marzu, 2022 fejn ġie ordnat l-isfilz tar-risposta tar-Reġistratu u d-dokumenti annessi. Kif issa r-Reġistratur qed tippretendi li mingħajr appell minn tali digriet din il-Qorti ser tippermetti l-preżentata ta' provi dokumentarji li ġew sfilzati mill-Ewwel Qorti ma hux komprensibbli. Għalhekk kwalunkwe aggravju tal-appellanti msejjes fuq provi dokumentarji li ma humiex in atti qed jiġi meqjuż fieragħ u qed jiġi riġettat.

23. Dwar l-aggravju li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-attur appellat responsabbli mhux biss għall-penali referibbli għas-snin li fihom kien direttur imma wkoll għas-snin anteċedenti, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi r-Reġistratur ma jikkontestax il-fatt li kien fil-11 ta' Mejju, 2011 li l-attur sar direttur tal-kumpanija. Tgħid però r-Reġistratur li xorta waħda l-attur kien responsabbli għaliex qabel sar direttur kien segretarju tal-kumpanija.

24. Huwa minnu li skont is-**subartikolu 3 tal-Artikolu 184 tal-Kap. 386** fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jkun suġġett għal penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra. Huwa minnu wkoll illi skont **Artikolu 2 tal-Kap. 386** jipprovdi illi "Uffiċjali dwar kumpanija, tinkludi

direttur, *manager* jew segretarju tal-kumpanija, iżda ma tinkludix awditur". Iżda għalkemm fl-atti hemm prova li attwalment l-attur huwa segretarju tal-kumpanija attriċi, l-ebda provi in atti ma nsibu dwar meta ġie hekk maħtur u jekk kienx segretarju fis-snin rilevanti għal dawn il-proċeduri. Għalhekk dan l-aggravju dwar l-ammonti referibbli għall-perjodu qabel ma l-attur ġie maħtur direttur qed jiġi wkoll respint.

25. Ngħaddu issa sabiex nikkunsidraw l-aggravju li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara l-penali kollu mhux dovut. L-ilment tal-appellanti huwa illi mal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Novembru, 2022 kien hemm mehmuża l-avviż bil-miktub kontemplat mil-liġi datat tal-5 ta' Novembru, 2021 li kien jinkludi prospett dwar l-ammonti li kienu jikkomponu s-somma globali ta' €16,553.75. Tressaq għalhekk l-argument illi minn dak il-prospett jidher ċar illi r-Reġistratur ħarġet penali ferm anqas mill-massimu permess mil-liġi. Tkompli tgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li l-ebda penali ma kien dovut.

26. L-Ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha dwar il-konsegwenzi minħabba n-nuqqas tar-Reġistratur li tagħti spjegazzjoni tad-diversi ammonti reklamati bil-mod segwenti:

> "Jirriżulta ghalhekk illi l-unika prova in sostenn tal-penali mitluba huwa rrendikont li kien anness mal-ittra uffiċjali fuq msemmija (a fol 7) fejn ir-Reġistratur intimat indika l-penali u taħt liema kap tal-liġi kienu dovuti – skond kif esebita mill-istess rikorrenti.

Il-ligi tghid espressament illi "meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, ……….. li tkun weħlet penali taħt dan l-Att ……….. u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.

Minn qari akkurat tal-provediment tal-ligi hawn fuq kkwotat ghalhekk, huma tnejn ir-rekwiziti bil-ligi necessarji meta r-Registratur jaghti l-avviz de quo –
(a) illi jkun specifikat il-ksur tal-ligi u
(b) illi jkun indikat l-ammont dovut bhala penali ghal dak ir-reat.

Di piu`, tosserva l-Qorti, il-legislatur kien car fil-kliem uzat. Jghid illi hemm il-prezunzjoni illi l-persuna notifikata tkun fil-fatt wehhlet dak l-ammont mitlub u aktar minn hekk, illi dak l-ammont huwa penali dovut ghal ksur tal-ligi kif specifikat fl-Avviz.

Il-ligi mbaghad taghti rimedju lill-persuna/i hekk notifikata/i billi tissosspendi l-ezekuzzjoni tal-ammont mitlub mir-Registratur bi tletin gurnata li fihom tali persuna/i jista' jressaq rikors, fil-forma hemmek preskritta taht piena ta' nullita' – li bih tkun tista' toggezzjona.

Il-Qorti tifhem illi l-legislatur ried illi jassigura illi r-Registratur ikollu l-poteri u l-ghodda necessarji sabiex jkun f'posizzjoni illi jaccerta kemm jista' jkun illi r-Registru jinzamm nadif, fis-sens illi jkun jikkontjeni socjetajiet sahni u skond il-ligi, illi l-ufficjali tal-kumpanniji jottempraw ruhom mal-ligi u li l-kumpanniji jkunu dejjem in regola u compliant ma' dak li tirrikjedi minnhom il-ligi.

Minn naha l-ohra, il-legislatur haseb ukoll sabiex jaghti terminu ta' tletin gurnata illi fih kwalsiasi persuna illi jircievi tali att ufficjali u li jhossu aggravat bih, ikun jista' jressaq rikors u joggezzjona. B'hekk, din il-Qorti tqis illi l-legislatur sab il-bilanc bejn l-obbligi u d-drittijiet tar-Registratur u dawk tal-kumpanniji u l-ufficjali taghhom.

Ikkunsidrat Ulterjorment:

Issa, l-Qorti, una volta illi hija rinfaccjata b'rikors bhal dan u ma jirrizultax illi hemm kwistjonijiet dwar il-validita' tieghu, sejra tghaddi biex tikkunsidra r-ragunijiet mressqa mir-rikorrenti sabiex oggezzjonaw ghal dak mitlub minnhom bl-ittra ufficjali msemmija.

Issir referenza ghall-Artikolu 427 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid precizament hekk:

(1) Meta xi dispożizzjoni ta' dan l-Att tipprovdi għallimpożizzjoni ta' penali, l-ammont ta' dik il-penali għandu jkun stabbilit b'riferenza għall-

Ħdax-il Skeda, li turi l-penali massima li tista' tiġi mposta mir-Reġistratur taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

(2) Fil-Ħdax-il Skeda, l-ewwel kolonna turi l-artikolu u ssubartikolu ta' dan l-Att li jippreskrivi li penali għandha tkun imposta, it-tieni kolonna tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur liema deskrizzjoni m'għandhiex titqies li tagħti tifsir lil xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, it-tielet kolonna tippreskrivi l-penali massima, u rraba' kolonna tippreskrivi l-penali massima għal kull jum ta' nuqqas, jekk il-każ. Il-penali tkun dovuta fil-jum li fih jiġri n-nuqqas u l-penali għal kull jum li matulu jkompli u għandha tibda tgħodd mill-jum li jiġi wara dak li fih jiġri n-nuqqas.

(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Att tkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.

(4) Kumpanija tkun responsabbli in solidum mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att

Il-Qorti tqsi li f'dan il-kaz, il-penali mposti mir-Registratur ai termini talHdax il-Skeda tal-Att jirrelataw ghall-Artikloli 120(4), 184(3) u 183(10) tal-KAP 386, u fl-iskeda jinstab hekk:

Artikolu Nuqqas Penali Penali ta' kulljum
120(4) Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpanija li jħarsu ddispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' azzjonijiet €465.87 €23.29

183(10) Diretturi li jonqsu li jikkonsenjaw jew lijikkonsenjaw kontijiet annwali difettużi lirReġistratur €2,329.37 €46.59

184(3) Uffiċjali ta' kumpanija li jonqsu li jippreżentaw ilprospett annwali €2,329.37 €46.59

Ikkunsidrat Ulterjorment:

(...)

Nuqqas ta' kjarezza fil-mod kif l-penali gew impost

Il-Qorti tifhem illi ghalkemm il-legislatur jitkellem dwar 'reat' u 'penali', b'dana kollu dawn mhumiex proceduri penali. Kif hawn fuq jinghad, dawn huma proceduri ai termini tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, simili ghal dawk misjuba fil-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhal per ezempju dawk ai termini tal-Artikolu 166A fejn ammont cert likwidu u dovut jigi rez ezekuttiv permezz ta' procedura ta' notifika ta' ittra ufficjali – bis-salvagwardji kollha hemmek stipulati. Fil-fatt il-ligi tirreferi ghall-istess penali bhala 'penali amministrativa'.

B'dana kollu l-Qorti irid ikun ikollha s-serhan tal-mohh illi l-persuna illi tkun qed tircievi tali notifika, ghandha tkun notifikata b'dettalji bizzejjed biex hija tifhem ghal xiex u dwar xiex qed tehel l-penali, tifhem fejn zbaljat

jekk zbaljat u dan kollu, fuq kollox, biex tali persuna tkun tista' tressaq oggezzjoni validi ghall-kontestazzjoni taghha kif inhu dritt taghha li taghmel, bhal fil-kaz odjern.

Il-Qorti tqis illi mir-rendikont anness f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tosserva:

(1) Hemm indikat penali fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€186.25) taħt l-artikolu 120(4) minħabba sottomissjonijiet tardivi tal-Formuli T. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma illi biex ikunu osservati ddettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu (a) jindika meta seħħ dan l-allegat fatt u (b) jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum kif tippermetti l-ligi.

(2) Hemm indikat penali ta' erba' mitt Euro (€400) peress illi allegatament ma kinitx registrata l-annual return ghas-sena 2010. Ghal darb'ohra, minghajr pregudizzju ghall-preskrizzjoni, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Middokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex ilpiena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum. Ulterjorment u fir-rigward ta' dan, jidher illi din lallegata kontravenzjoni/nuqqas tinsab ripetuta ghal darb'ohra firraba' u l-ahhar item, biex b'hekk jidher illi hemm penali doppja ghallistess nuqqas.

(3) Hemm indikat penali fl-ammont ta' ħdax -il elf, seba' mija u sitta u għoxrin Ewro (€11,726) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li allegatment, sas-6 t'April 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-snin 2004 sa 2018.

Ukoll, minghajr pregudizzju ghall-preskrizzjoni, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum. Il-Qorti tqis illi meta l-piena massima (eskluz piena ghal kull jum) hija ta' €2,329.37, il-piena massima ghall-perjodu kollu indikat huwa ta' €34,940.55 ghall-15 il-sena kollha. Issa fil-kaz illi r-Registratur dehrlu illi ma kellux jinflitti l-piena massima, ir-recipjent ghandu dritt, tqis il-Qorti, illi jkun jaf kif ezercita d-diskrezzjoni tieghu ir-Registratur, ghaliex anke dik tista' tkun soggetta ghall-oggezzjoni da parti tarrecipjent.

(4) Hemm finalment indikat penali fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€4,241.50) taħt l-artikolu 184(3) minħabba li sat-3 t'April 2020 ma kienux ġew sottomessi lannual

returns tas-snin 2010 sa 2018. Minghajr pregudizzju ghall-kwisjtoni tal-preskrizzjoni u l-fatt illi s-sena 2010 ġiet ikkunsidrata darbtejn, ghal darb'ohra, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum.

Oltre` minn hekk, jirrizulta car u ppruvat li r-rikorrenti Marco Aquilina, tramite l-avukat tiegħu, għamel diversi tentattivi ta' kuntatt (tlett tentattivi) mar-Reġistratur intimat sabiex jinghata spjegazzjoni tas-somma pretiża minnu u fhiex kienet tikkonsisti (ara fol 41 u 42) - iżda din ilkorrispondenza bagħqet mhux imwieġba.

Certament illi l-Qorti ma tistghax thalli dan jghaddi inosservat u tqis illi bhala Regolatur li bil-ligi ghandu dritt jimponi u jigbor penali, huwa ma jistax jinjora talbiet bhal dawn f'kuntest meta l-ligi qed ittih il-poter illi jitlob hlas ta' penali ghall-allegati reati mwettqa fil-kuntest tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kuntest meta huwa ghandu id-diskrezzjoni illi jinfliggi massimu jew anqas ta' ammonti ta' penali u f'kuntest ukoll tal-lanjanzi illi l-Qorti sabet hawn fuq fir-rigward ta' kull wahda mill-erba' items fir-rendikont anness mal-ittra ufficjali.

Għalhekk ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti u l-oggezzjoni minnhom mressqa u tiddikjara illi l-penali pretiżi mir-Reġistratur intimat bl-ittra ufficjali 268/2022 tal-20 ta' Jannar 2022 mhix dovuta skont il-liġi."

27. Ir-Reġistratur qed tikkontendi illi ġialadarba l-penali imposta kienet ferm 'l isfel mill-massimu; u tenut kont li l-massimu huwa magħruf lill-appellati għaliex stabbilit b'liġi; allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara l-penali mhux dovuta fuq il-konsiderazzjoni li mhux spjegata biżżejjed.

28. Dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

29. **Artikolu 401(3) tal-Kap 386** jipprovdi illi:

"(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-

persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż."

30. Isegwi illi skont il-Kap. 386 ir-rekwiżit statutorju huwa li l-avviż bil-miktub irid jispeċifika:

- "ix-xorta tal-ksur tal-liġi", u
- "jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat".

31. Din il-Qorti fliet l-avviż bil-miktub li kien intbagħat lill-attur Marco Aquilina fil-5 ta' Novembru, 2021 u tqis illi tenut kont li jirreferi għall-medda twila ta' snin ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 386. Dan għaliex jekk nqisu bħala eżempju l-akbar ammont ta' €11,726.00, hemm miegħu deskritt "ix-xorta tal-ksur tal-liġi". Ix-xorta tal-ksur tal-liġi huwa deskritt bħala "Accounts 2004-2018 Not Yet Filed Till 06.04.2020" u dan bi ksur ta' "CA-Sect.183(10) – Directors failing to deliver or delivering defective annual accounts etc. to Registrar". Ħmistax-il sena ta' nuqqas ta' intavolar tal-*accounts* annwali.

32. Skont **Artikolu 401 (6) u (7) tal-Kap. 386**:

"(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi jew tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.

> (7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur."

33. Huwa minnu li kien l-oneru fuq l-atturi li jippruvaw li dik il-penali "ma tkunx tista' tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ" jew li "ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur".

34. Huwa minnu wkoll illi kien l-oneru fuq l-atturi li jippruvaw illi mhux minnu li sas-6 ta' April, 2020 ma ġewx ippreżentati l-'annual accounts' għas-snin 2004 – 2018. L-unika prova li resqu l-atturi kien l-affidavit tal-attur u mkien ma jgħid illi bejn is-sena 2011 u s-sena 2018, meta huwa kien direttur, li ġew ippreżentanti l-*accounts* annwali għal dawk is-snin.

35. Mill-banda l-oħra però r-Reġistratur imkien ma tgħid, la fl-avviż bil-miktub u lanqas fl-ittra uffiċjali, kif waslet għaċ-ċifra ta' €11,726.00 minħabba nuqqas ta' preżentazzjoni tal-*annual accounts*. L-ebda indikazzjoni x'iddeċidiet bħala penali għal kull sena ta' ksur tal-obbligi statutorji da parti tal-atturi, aktar u aktar jekk *ex admissis* ma mponitx il-massimu.

36. Ma tistax tippretendi r-Reġistratur illi tittenta tottjeni titolu eżekuttiv mingħajr spjegazzjoni raġjonevoli dwar kif waslet għaċ-ċifra *ad exemplum* ta' €11,726.00. Mhux fejjiedi l-argument tagħha illi ġialadarba ma mponitx il-massimu allura l-ebda preġudizzju ma ġie rekat. Din il-Qorti

mhix konvinta li l-mod kif ir-Reġistratur ipproċediet ma kienx motivat mill-ħsieb illi, fl-aħjar ipoteżi, tgħatti n-nuqqas grossolan tal-uffiċċju tagħha illi jittollera mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi li kumpanija tonqos milli tippreżenta l-*annual returns* għal ħdax-il sena bejn is-sena 2010 u s-sena 2020 kif ukoll li tonqos milli tippreżenta l-*annual accounts* għal ħmistax-il sena sħaħ bejn is-sena 2004 u s-sena 2018

37. Huwa minnu illi kieku r-Reġistratur kienet f'pożizzjoni li tressaq il-provi tagħha, in-nuqqas ta' informazzjoni sħiħa setgħet possibilment tiġi supplimentata waqt is-smigħ tal-kawża. Però fil-każ odjern ir-Reġistratur intavolat ir-risposta tagħha għar-rikors promotur tardivament bil-konsegwenza li r-risposta u l-provi kollha dokumentarji ġew sfilzati. Għal dan in-nuqqas taħti biss ir-Reġistratur. Inutili li issa fl-istadju tal-appell tilmenta illi l-atturi ser jiġu premjati għaliex naqsu milli jottemperaw ruħhom mal-obbligi tal-Kap. 386. *Imputet sibi*.

38. Is-sub inċiż 12 tal-Artikolu 401 tal-Kap. 386 jipprovdi mingħajr mezzi termini illi :

> " ... l-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet."

39. In-nuqqas tar-Reġistratur li fl-avviż bil-miktub u fl-ittra uffiċjali tagħti spjegazzjoni ċara tal-ammonti minnha reklamati bħala penali ippreġudika

serjament il-jedd tal-atturi li jikkontestaw kif xieraq il-pretensjoni tar-Reġistratur. In-nuqqas tar-Reġistratur kompla jiġi pronunzjat meta waqgħet kontumaċi fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti.

40. L-istess konsiderazzjonijiet magħmula dwar l-ammont ta' €11,726.00 huma applikabbli għall-ammonti l-oħra li jikkomponu l-ammont globali ta' €16,553.75.

**Decide**.

**Għar-raġunijiet** fuq mogħtija din il-Qorti qed tiċħad l-appell tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata.

**Bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti Reġistratur tal-Kumpaniji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss